# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1035

**tat-3 ta' Ġunju 2020**

**li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2018 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(It-testi biċ-Ċek, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bl-Olandiż, bit-Taljan u bl-Ungeriż biss huma awtentiċi)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ([1]), u b'mod partikolari it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/631, u, fir-rigward tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi u l-emissjonijiet speċifiċi medji għas-sena kalendarja 2018, ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-Kummissjoni hija meħtieġa tiddetermina, kull sena, l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ u l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi għal kull manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief fl-Unjoni kif ukoll għal kull konsorzju ta' manifatturi. Fuq dik il-bażi, ġiet stabbilita l-prestazzjoni tal-manifatturi jew tal-konsorzji ta' manifatturi f'konformità mal-obbligu tagħhom li ma jaqbżux il-miri ta' emissjonijiet speċifiċi tagħhom.

(2) Id-*data* dettaljata li trid tintuża għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ u tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi hija bbażata fuq ir-reġistrazzjonijiet mill-Istati Membri ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda matul is-sena kalendarja 2018.

(3) L-Istati Membri kollha ppreżentaw id-*data* tal-2018 tagħhom lill-Kummissjoni, għalkemm kien hemm xi dewmien meta mqabbel mal-iskadenza tar-rapportar tat-28 ta' Frar 2019. Meta, wara verifika tad-*data* mill-Kummissjoni, kien evidenti li ċertu *data* kienet nieqsa jew manifestament skorretta, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-Istati Membri kkonċernati u, soġġett għall-qbil ta' dawk l-Istati Membri, id-*data* ġiet aġġustata jew ikkompletata kif xieraq. F'każijiet fejn ma seta' jintlaħaq l-ebda qbil ma' Stat Membru, id-*data* proviżorja ppreżentata minn dak l-Istat Membru ma ġietx aġġustata.

(4) Fl-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppubblikat id-*data* proviżorja u nnotifikat lil 95 manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u lil 67 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief kif ukoll lill-konsorzji rispettivi bil-kalkoli proviżorji tal-emissjonijiet speċifiċi medji tagħhom tas-$CO_2$ u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi tagħhom fl-2018.

([1]) ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1).

(5) Id-*data* proviżorja nnotifikata mill-Kummissjoni kienet tinkludi l-fatturi ta' korrezzjoni, kemm għall-karozzi, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 ([4]) kif ukoll għall-vetturi kummerċjali ħfief, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 ([5]). L-istabbiliment ta' fatturi ta' korrezzjoni huwa parti mill-proċeduri ta' korrelazzjoni stabbiliti sabiex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$. Dawn iservu biex jiġi żgurat li t-tolleranzi proċedurali meħtieġa għall-korrelazzjoni tal-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ jiġu applikati kif maħsub u mhux bħala mezz biex dawk il-valuri jitbaxxew b'mod artifiċjali.

(6) Fattur ta' korrezzjoni jiġi kkalkulat abbażi ta' fatturi ta' devjazzjoni u ta' verifika ddeterminati għal kampjun statistiku ta' vetturi li jenħtieġ li jkun rappreżentattiv tal-flotta ta' vetturi ġodda tal-manifattur. Fid-dawl tan-numru baxx ħafna ta' vetturi kummerċjali ħfief approvati f'konformità mal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ([6]) fl-2018, il-kampjun ma jistax jitqies bħala statistikament rappreżentattiv u għalhekk ma ġie applikat l-ebda fattur ta' korrezzjoni meta ġiet stabbilita il-prestazzjoni tal-manifatturi tal-vetturi kummerċjali ħfief

(7) Il-manifatturi ntalbu jivverifikaw id-*data* proviżorja f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u, b'mod partikolari, il-fatturi ta' devjazzjoni u ta' verifika li abbażi tagħhom jiġi kkalkulat il-fattur ta' korrezzjoni, kif ukoll jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żball fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu n-notifika. Sittin manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u 34 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief ippreżentaw notifiki ta' żbalji. L-applikabbiltà ta' fattur ta' korrezzjoni għall-emissjonijiet speċifiċi medji tagħhom ġiet ikkonfermata għal żewġ manifatturi tal-karozzi. Għal żewġ manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u għal manifattur wieħed tal-vetturi kummerċjali ħfief, il-vetturi kollha rrappurtati fis-sett tad-*data* proviżorju kienu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631.

(8) Għall-35 manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u għat-33 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief l-oħra li ma nnotifikaw l-ebda żball fis-settijiet tad-*data* jew li ma bagħtu l-ebda tweġiba oħra, jenħtieġ li d-*data* proviżorja u l-kalkoli proviżorji tal-emissjonijiet speċifiċi medji u tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi jiġu kkonfermati. Għall-ebda wieħed minn dawk il-manifatturi ma kien applikabbli fattur ta' korrezzjoni.

(9) Il-Kummissjoni vverifikat l-iżbalji nnotifikati mill-manifatturi u r-raġunijiet rispettivi għall-korrezzjoni tagħhom, u s-sett tad-*data* proviżorju ġie kkonfermat jew emendat kif xieraq. Inżammu biss dawk ir-rekords li jinkludu l-valuri għall-emissjonijiet tal-massa u tas-$CO_2$. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li d-*data* proviżorja għal 94 manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u għal 66 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief tiġi kkonfermata jew emendata.

(10) F'konformità mal-Artikoli 4 tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011, jenħtieġ li manifattur jitqies li jikkonforma mal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu meta l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ tiegħu indikati f'din id-Deċiżjoni ma jaqbżux il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu. Għall-manifatturi li jkunu membri ta' konsorzju, jenħtieġ li l-konformità tiġi vvalutata fil-livell tal-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 7(7) ta' dawk ir-Regolamenti.

(11) Ir-rekords b'*data* kompluta dwar il-massa fi stat operattiv u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ iżda b'numri ta' identifikazzjoni tal-vettura nieqsa jew skorretti jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kalkolu tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi u tal-emissjonijiet speċifiċi medji. Madankollu, il-fatt li l-manifatturi ma jistgħux jivverifikaw jew jikkoreġu dawk ir-rekords jenħtieġ li jiġi kkunsidrat. Għalhekk, jixraq li jiġi applikat marġni ta' żball meta tiġi ddeterminata d-distanza li jkun fadal biex tintlaħaq il-mira tal-manifattur ikkonċernat.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu determinati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1014/2010 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 679).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 293/2012 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 644).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

(12) Il-marġni ta' żball jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn id-distanzi bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji u l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi kkalkulati, filwaqt li jiġu inklużi u esklużi r-reġistrazzjonijiet kollha tal-vetturi li ma jistgħux jiġu vverifikati mill-manifattur. Kemm jekk dik id-differenza tkun pożittiva kif ukoll jekk tkun negattiva, il-marġni ta' żball jiġi applikat biex dejjem itejjeb il-pożizzjoni tal-manifattur fir-rigward tal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu.

(13) Meta, wara li jitqies il-marġni ta' żball, id-distanza li jkun fadal biex tintlaħaq mira ta' manifattur jew ta' konsorzju, skont il-każ, tkun ogħla minn żero, irid jiġi impost primjum għal emissjonijiet eċċessivi f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/631. Dan huwa l-każ għall-manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri Automobili Lamborghini S.p.A.. Il-primjum għal emissjonijiet eċċessivi jrid jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(14) F'konformità mal-Artikoli 2(4) tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011, il-manifatturi responsabbli għal inqas minn 1 000 reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda fis-sena kalendarja huma eżenti milli jilħqu mira ta' emissjonijiet speċifiċi. Madankollu, jixraq li jiġu kkalkulati u rrappurtati l-emissjonijiet speċifiċi medji tagħhom kif ukoll in-numru ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi ġodda.

(15) Iktar kjarifiki huma meħtieġa mingħand il-manifattur Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG fir-rigward ta' irregolaritajiet possibbli fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ iddikjarati fl-approvazzjonijiet tat-tip tal-emissjonijiet ta' żewġ mudelli ta' vetturi. B'konsegwenza ta' dan, id-*data* proviżorja għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2018 għall-konsorzju ta' Volkswagen u l-membru tiegħu Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG ma tistax tiġi kkonfermata jew emendata.

(16) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 ([7]), il-Kummissjoni wettqet verifika *ad hoc* tal-iffrankar tas-$CO_2$ iċċertifikat b'referenza għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/341/UE ([8]) u għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/158 ([9]). Il-verifika wasslet għal riżultati sodisfaċenti fir-rigward tal-iffrankar tas-$CO_2$ iċċertifikat b'referenza għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/341/UE. Madankollu, fir-rigward tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/158, instabet differenza bejn l-iffrankar tas-$CO_2$ iċċertifikat ta' żewġ alternaturi effiċjenti installati fuq vetturi mmanifatturati minn Daimler AG u dak ivverifikat mill-Kummissjoni, ta' 9 % u 23 % rispettivament. Il-Kummissjoni nnotifikat lil Daimler AG bid-devjazzjonijiet misjuba u stiednet lil dak il-manifattur jipprovdi evidenza li turi l-akkuratezza tal-iffrankar tas-$CO_2$ iċċertifikat.

(17) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Daimler AG, il-Kummissjoni sabet li d-differenza fl-iffrankar kienet minħabba differenza fil-mod kif il-metodoloġija tal-ittestjar ġiet applikata għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni u għall-verifika tal-iffrankar tas-$CO_2$. B'mod iktar preċiż, twettaq running-in tal-alternaturi effiċjenti qabel it-test ta' ċertifikazzjoni, anke jekk il-metodoloġija tal-ittestjar imsemmija f'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/158 la tippreskrivi u lanqas tippermetti li jitwettaq running-in speċifiku tal-alternaturi effiċjenti barra mit-test ta' ċertifikazzjoni.

(18) Mill-Artikolu 12 tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 jirriżulta li, sabiex jitqies l-iffrankar tas-$CO_2$ mit-teknoloġiji innovattivi għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur fl-2018, dak l-iffrankar irid jagħti kontribut ivverifikat għat-tnaqqis tas-$CO_2$, f'konformità mal-metodoloġija tal-ittestjar li kapaċi tipproduċi riżultati verifikabbli, ripetibbli u komparabbli. Peress li l-iffrankar tas-$CO_2$ iċċertifikat ta' żewġ alternaturi effiċjenti f'ċerti vetturi mmanifatturati minn Daimler AG ma ġiex ikkonfermat mill-verifika mwettqa abbażi tal-metodoloġija tal-ittestjar imsemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/158, l-iffrankar tas-$CO_2$ iċċertifikat attribwit lil dawk l-ekoinnovazzjonijiet, li jammonta għal 0,429 g ta' $CO_2$/km fil-livell tal-flotta, jenħtieġ li ma jitqiesx għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur Daimler AG. Fuq l-istess bażi, l-iffrankar tas-$CO_2$ attribwit lil dawk l-ekoinnovazzjonijiet, li jammonta għal 0,428 g ta' $CO_2$/km fil-livell tal-flotta, jenħtieġ li ma jitqiesx għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tal-konsorzju ta' Daimler AG.

(19) Il-valuri relatati mal-prestazzjoni ta' manifattur kif ikkonfermati jew emendati b'din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu reveduti fil-każ li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jikkonfermaw l-eżistenza ta' irregolaritajiet fil-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ ipprovduti għall-iskop li tiġi ddeterminata l-konformità tal-manifattur mal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi,

---

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/341/UE tas-27 ta' Ġunju 2013 dwar l-approvazzjoni tal-Alternatur ta' Ġenerazzjoni Effiċjenti Valeo bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 98).

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/158 tat-30 ta' Jannar 2015 dwar l-approvazzjoni ta' żewġ alternaturi ta' effiċjenza għolja Robert Bosch GmbH bħala t-teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 26, 31.1.2015, p. 31).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-valuri relatati mal-prestazzjoni tal-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri fir-rigward tas-sena kalendarja 2018 huma speċifikati fl-Anness I.

2. Il-valuri relatati mal-prestazzjoni tal-manifatturi tal-vetturi kummerċjali ħfief fir-rigward tas-sena kalendarja 2018 huma speċifikati fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil dawn il-manifatturi individwali u l-konsorzji li ġew iffurmati f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/631:

(1) ADIDOR VOITURES SAS

2/4 Rue Hans List

78290 Croissy-sur-Seine

FRANZA

(2) ALFA ROMEO SPA

C.so Settembrini, 40

Porta 8 – Edificio 6 – 1° piano – B15N Colonna N47

10135 Torino

L-ITALJA

(3) ALKE SRL

via Vigonovese 123

35127 Padova

L-ITALJA

(4) ALPINA BURKARD BOVENSIEPEN GMBH E CO KG

Alpenstraße 35-37

86807 Buchloe

IL-ĠERMANJA

(5) SOCIÉTÉ DES AUTOMOBILES ALPINE

1 Avenue du Golf

78288 Guyancourt Cedex

FRANZA

(6) ANHUI JIANGHUAI AUTOMOBILE

Via Lanzo 27

10071 Borgaro Torinese

L-ITALJA

(7) ASTON MARTIN LAGONDA LTD

Gaydon Engineering Centre

Banbury Road Gaydon

CV35 0DB Warwickshire

IR-RENJU UNIT

(8) AUDI AG

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(9) AUDI HUNGARIA MOTOR KFT

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(10) AUDI SPORT GMBH

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(11) AUTOMOBILES CITROEN

7, rue Henri Sainte-Claire Deville

92500 Rueil-Malmaison

FRANZA

(12) AUTOMOBILES PEUGEOT

7, rue Henri Sainte-Claire Deville

92500 Rueil-Malmaison

FRANZA

(13) AVTOVAZ JSC

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:

CS AUTOLADA

211 Konevova

130 00 Praha 3

IĊ-ĊEKJA

(14) BEE BEE AUTOMOTIVE

182 RT Beaugé

72700 Rouillon

FRANZA

(15) BENTLEY MOTORS LTD

Pyms Lane

CW1 3PL

Crewe Cheshire

IR-RENJU UNIT

(16) BLUECAR SAS

31-32 quai de Dion Bouton

92800 Puteaux

FRANZA

(17) BAYERISCHE MOTOREN WERKE AG

Petuelring 130

80788 München

IL-ĠERMANJA

(18) BMW M GMBH

Petuelring 130

80788 München

IL-ĠERMANJA

(19) BEIJING BORGWARD AUTOMOTIVE CO LTD

Kriegsbergstraße 11

70174 Stuttgart

IL-ĠERMANJA

(20) BUGATTI AUTOMOBILES SAS

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(21) CATERHAM CARS LIMITED

2 Kennet Road

DA1 4QN Dartford

IR-RENJU UNIT

(22) CHEVROLET ITALIA SPA

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:

Intertrust, Gruneburgweg 58-62

60322 Frankfurt am Main

IL-ĠERMANJA

(23) FCA US LLC

C.so Settembrini, 40

Porta 8 – Edificio 6 – 1° piano – B15N Colonna N47

10135 Torino

L-ITALJA

(24) CNG-TECHNIK GMBH

Werk Niehl, Imbert-Gebäude 479

Henry Ford Strasse 1

50735 Köln

IL-ĠERMANJA

(25) AUTOMOBILE DACIA SA

1 Avenue du Golf

78288 Guyancourt Cedex

FRANZA

(26) DAIHATSU MOTOR CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:

Toyota Motor Europe

Avenue du Bourget, 60

1140 Bruxelles

IL-BELĠJU

(27) DAIMLER AG

F403, EA/R

70546 Stuttgart

IL-ĠERMANJA

(28) FABBRICA DALLARA SRL

Via Guglielmo Marconi,18

43040 Varano de' Melegari (PR)

L-ITALJA

(29) DFSK MOTOR CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:

Giotti Victoria Srl Via Pisana, 11/a

50021 Barberino, Val D'Elsa (FI)

L-ITALJA

(30) DONKERVOORT AUTOMOBIELEN BV

Pascallaan 96

8218 NJ Lelystad

IN-NETHERLANDS

(31) DR AUTOMOBILES SRL

Zona Industriale, Snc

86070 Macchia d'Isernia

L-ITALJA

(32) DR MOTOR COMPANY SRL

S S 85 Venafrana km 37500

86070 Macchia d'Isernia

L-ITALJA

(33) ESAGONO ENERGIA SRL

Via Puecher 9

20060 Pozzuolo Martesana (MI)

L-ITALJA

(34) FERRARI SPA

Via Emilia Est 1163

41122 Modena

L-ITALJA

(35) FCA ITALY SPA

C.so Settembrini, 40

Porta 8 – Edificio 6 – 1° piano – B15N Colonna N47

10135 Torino

L-ITALJA

(36) FORD INDIA PRIVATE LIMITED

Werk Niehl, Imbert-Gebäude 479

Henry Ford Strasse 1

50735 Köln

IL-ĠERMANJA

(37) FORD MOTOR COMPANY OF AUSTRALIA LIMITED

Werk Niehl, Imbert-Gebäude 479

Henry Ford Strasse 1

50735 Köln

IL-ĠERMANJA

(38) FORD MOTOR COMPANY

Werk Niehl, Imbert-Gebäude 479

Henry Ford Strasse 1

50735 Köln

IL-ĠERMANJA

(39) FORD-WERKE GMBH

Werk Niehl, Imbert-Gebäude 479

Henry Ford Strasse 1

50735 Köln

IL-ĠERMANJA

(40) GENERAL MOTORS HOLDINGS LLC

Bouwhuispad 1

8121 PX Olst

IN-NETHERLANDS

(41) GONOW AUTO CO LTD

Via della Muratella, 797

00054 Maccarese (RM)

L-ITALJA

(42) GOUPIL INDUSTRIE SA

Route de Villeneuve

47320 Bourran

FRANZA

(43) GREAT WALL MOTOR COMPANY LIMITED

Great Wall Motor Europe Technical Center

Otto-Hahn-Str. 5

63128 Dietzenbach

IL-ĠERMANJA

(44) HONDA AUTOMOBILE CHINA CO LTD

Cain Road, Bracknell

RG12 1HL Berkshire

IR-RENJU UNIT

(45) HONDA AUTOMOBILE THAILAND CO LTD

Cain Road, Bracknell

RG12 1HL Berkshire

IR-RENJU UNIT

(46) HONDA MOTOR CO LTD

Cain Road, Bracknell

RG12 1HL Berkshire

IR-RENJU UNIT

(47) HONDA TURKIYE AS

Cain Road, Bracknell

RG12 1HL Berkshire

IR-RENJU UNIT

(48) HONDA OF THE UK MANUFACTURING LTD

Cain Road, Bracknell

RG12 1HL Berkshire

IR-RENJU UNIT

(49) HYUNDAI MOTOR COMPANY

Kaiserleipromenade 5

63067 Offenbach

IL-ĠERMANJA

(50) HYUNDAI ASSAN OTOMOTIV SANAYI VE TICARET AS

Kaiserleipromenade 5

63067 Offenbach

IL-ĠERMANJA

(51) HYUNDAI MOTOR MANUFACTURING CZECH SRO

Kaiserleipromenade 5

63067 Offenbach

IL-ĠERMANJA

(52) HYUNDAI MOTOR EUROPE GMBH

Kaiserleipromenade 5

63067 Offenbach

IL-ĠERMANJA

(53) ISUZU MOTORS LIMITED

Bist 12

2630 Aartselaar

IL-BELĠJU

(54) ITALDESIGN GIUGIARO SPA

via A.Grandi 25

10024 Moncalieri (TO)

L-ITALJA

(55) IVECO SPA

Via Puglia 35

10156 Torino

L-ITALJA

(56) JAGUAR LAND ROVER LIMITED

Abbey Road Whitley

CV3 4LF Coventry

IR-RENJU UNIT

(57) KIA MOTORS CORPORATION

Theodor-Heuss-Allee 11

60486 Frankfurt/M

IL-ĠERMANJA

(58) KIA MOTORS SLOVAKIA SRO

Theodor-Heuss-Allee 11

60486 Frankfurt/M

IL-ĠERMANJA

(59) KOENIGSEGG AUTOMOTIVE AB

Valhall Park

262 74 Ängelholm

L-IŻVEZJA

(60) KTM-SPORTMOTORCYCLE AG

Stallhofnerstrasse 3

5230 Mattighofen

L-AWSTRIJA

(61) LADA AUTOMOBILE GMBH

Erlengrund 7

21614 Buxtehude

IL-ĠERMANJA

(62) AUTOMOBILI LAMBORGHINI SPA

via Modena 12

40019 Sant'Agata Bolognese (BO)

L-ITALJA

(63) LONDON EV COMPANY

Li Close, Ansty Park,

CV7 9RF Coventry

IR-RENJU UNIT

(64) LOTUS CARS LIMITED

Hethel Norwich

NR14 8EZ Norfolk

IR-RENJU UNIT

(65) MAGYAR SUZUKI CORPORATION LTD

Schweidel Jozsef U52

2500 Esztergom

L-UNGERIJA

(66) MAHINDRA & MAHINDRA LTD

Via Cancelliera 35

00072 Ariccia (Roma)

L-ITALJA

(67) MAN TRUCK & BUS AG

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(68) MARUTI SUZUKI INDIA LTD

Schweidel Jozsef U52

2500 Esztergom

L-UNGERIJA

(69) MASERATI SPA

Viale Ciro Menotti 322

41122 Modena

L-ITALJA

(70) MAZDA MOTOR CORPORATION

European R&D Centre

Hiroshimastr. 1

61440 Oberursel/Taunus

IL-ĠERMANJA

(71) MCLAREN AUTOMOTIVE LIMITED

Chertsey Road Woking

GU21 4YH Surrey

IR-RENJU UNIT

(72) MERCEDES-AMG GMBH

Zimmer 229 HPC F 403

Mercedesstr 137/1

70327 Stuttgart

IL-ĠERMANJA

(73) MFTBC

F403, EA/R

70546 Stuttgart

IL-ĠERMANJA

(74) MG MOTOR UK LIMITED

Westar House, 139-151 Marylebone Road

NW1 5QE London

IR-RENJU UNIT

(75) MICRO-VETT SRL

Via Lago Maggiore, 48

36077 Altavilla Vicentina (VI)

L-ITALJA

(76) MITSUBISHI FUSO TRUCK & BUS CORPORATION

F403, EA/R

70546 Stuttgart

IL-ĠERMANJA

(77) MITSUBISHI MOTORS CORPORATION MMC

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:

Mitsubishi Motors Europe BV

Mitsubishi Avenue 21

6121 SH Born

IN-NETHERLANDS

(78) MITSUBISHI MOTORS EUROPE BV MME

Mitsubishi Avenue 21

6121 SH Born

IN-NETHERLANDS

(79) MITSUBISHI MOTORS THAILAND CO LTD MMTH

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:

Mitsubishi Motors Europe BV

Mitsubishi Avenue 21

6121 SH Born

IN-NETHERLANDS

(80) MORGAN TECHNOLOGIES LTD

Pickersleigh Road Malvern Link

WR14 2LL Worcestershire

IR-RENJU UNIT

(81) NISSAN INTERNATIONAL SA

Renault Nissan Representation Office

Avenue des Arts 40

1040 Bruxelles

IL-BELĠJU

(82) NOBLE AUTOMOTIVE LTD

24a Centurion Way

Meridian Business Park

LE19 1WH Leicester

IR-RENJU UNIT

(83) ADAM OPEL GMBH

Bahnhofsplatz 1IPC 39-12

65423 Rüsselsheim

IL-ĠERMANJA

(84) OPEL AUTOMOBILE GMBH

Bahnhofsplatz 1IPC 39-12

65423 Rüsselsheim

IL-ĠERMANJA

(85) PAGANI AUTOMOBILI SPA

Via dell'Artigianato 5

41018 San Cesario sul Panaro (Modena)

L-ITALJA

(86) PGO AUTOMOBILES

ZA de la Pyramide

30380 Saint Christol-Les-Alès

FRANZA

(87) PIAGGIO & C SPA

Viale Rinaldo Piaggio, 25

56025 Pontedera (PI)

L-ITALJA

(88) DR ING HCF PORSCHE AG

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(89) PSA AUTOMOBILES SA

2-10 boulevard de l'Europe

78300 Poissy

FRANZA

(90) RENAULT SAS

1 avenue du Golf

78288 Guyancourt Cedex

FRANZA

(91) RENAULT TRUCKS

99 Route de Lyon TER L10 0 01

69806 Saint Priest Cedex

FRANZA

(92) ROLLS-ROYCE MOTOR CARS LTD

Petuelring 130

80788 München

IL-ĠERMANJA

(93) ROMANITAL SRL

Via delle Industrie, 107

90040 Isola delle Femmine PA

L-ITALJA

(94) SAIC MAXUS AUTOMOTIVE CO LTD

President Building

37 A avenue J.F. Kennedy

1855 Lussemburgu

IL-LUSSEMBURGU

(95) SEAT SA

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(96) SECMA SAS

Rue Denfert Rochereau

59580 Aniche

FRANZA

(97) SKODA AUTO AS

Postfach 011/1882

38436 Wolfsburg

IL-ĠERMANJA

(98) SSANGYONG MOTOR COMPANY

Herriotstrasse 1

60528 Frankfurt/M

IL-ĠERMANJA

(99) STREETSCOOTER GMBH

Jülicher Straße 191

52070 Aachen

IL-ĠERMANJA

(100) SUBARU CORPORATION

Leuvensesteenweg 555 B/8

1930 Zaventem

IL-BELĠJU

(101) SUZUKI MOTOR CORPORATION

Schweidel Jozsef U52

2500 Esztergom

L-UNGERIJA

(102) SUZUKI MOTOR THAILAND CO LTD

Schweidel Jozsef U52

2500 Esztergom

L-UNGERIJA

(103) TECNO MECCANICA IMOLA SPA

via Selice provinciale, 42/E

40026 Imola Bologna

L-ITALJA

(104) TESLA MOTORS LTD
7-9 Atlasstraat
5047 RG Tilburg
IN-NETHERLANDS

(105) TOYOTA MOTOR EUROPE NV SA
Avenue du Bourget 60
1140 Bruxelles
IL-BELĠJU

(106) UAZ
Moskovskoye shosse, 92
432034 Ulyanovsk
IR-RUSSJA

(107) UNIVERS VE HELEM
14 rue Federico Garcia Lorca
32000 Auch
FRANZA

(108) VOLKSWAGEN AG
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
IL-ĠERMANJA

(109) VOLVO CAR CORPORATION
Automotive Regulatory Compliance (Dep 58800)
PVE reception, Assar Gabrielssons väg
40531 Göteborg
L-IŻVEZJA

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ġunju 2020.

*Għall-Kummissjoni*
Frans TIMMERMANS
*Viċi President Eżekuttiv*

*ANNESS I*

*Tabella 1*

**Il-prestazzjoni fis-sena kalendarja 2018 ta' manifatturi individwali tal-karozzi tal-passiġġieri f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/631**

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-manifattur | Konsorzji u derogi | Numru ta' reġistrazzjonijiet | Medja tal-massa | Emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ | Mira ta' emissjonijiet speċifiċi | Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira | Iffrankar tas-$CO_2$ mill-ekoinnovazzjonijiet | Fattur ta' korrezzjoni | Marġni ta' żball |
| ADIDOR VOITURES SAS | DMD | 100 | 1301,10 | 155,900 | | | 0,000 | 1,000 | |
| ALFA ROMEO SPA | P3 | 78696 | 1519,81 | 127,881 | 135,823 | -7,942 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| ALPINA BURKARD BOVENSIEPEN GMBH E CO KG | D | 663 | 1930,56 | 200,919 | 218,000 | -17,081 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| SOCIÉTÉ DES AUTOMOBILES ALPINE | P10 | 1533 | 1163,38 | 139,738 | 119,534 | 20,201 | 0,000 | 1,000 | 0,003 |
| ANHUI JIANGHUAI AUTOMOBILE | DMD | 1 | 1600,00 | 242,000 | | | 0,000 | 1,000 | |
| ASTON MARTIN LAGONDA LTD | D | 2096 | 1858,37 | 262,180 | 297,000 | -34,820 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| AUDI AG | P14 | 675059 | 1563,21 | 127,279 | 137,806 | -10,527 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| AUDI HUNGARIA MOTOR KFT | P14 | 4519 | 1400,83 | 146,996 | 130,385 | 16,611 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| AUDI SPORT GMBH | P14 | 13361 | 1698,14 | 195,848 | 143,972 | 51,876 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| AUTOMOBILES CITROEN | P9 | 626462 | 1199,54 | 108,035 | 121,186 | -13,151 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| AUTOMOBILES PEUGEOT | P9 | 982942 | 1265,18 | 106,936 | 124,186 | -17,250 | 0,000 | 0,989 | 0,000 |
| AVTOVAZ JSC | P10 | 3874 | 1268,16 | 181,385 | 124,322 | 57,063 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| BEE BEE AUTOMOTIVE | DMD | 3 | 759,67 | 0,000 | | | 0,000 | 1,000 | |
| BENTLEY MOTORS LTD | D | 2859 | 2458,08 | 271,047 | 286,000 | -14,953 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| BLUECAR SAS | DMD | 415 | 1499,19 | 0,000 | | | 0,000 | 1,000 | |

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-manifattur | Konsorzji u derogi | Numru ta' reġistrazzjonijiet | Medja tal-massa | Emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ | Mira ta' emissjonijiet speċifiċi | Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira | Iffrankar tas-$CO_2$ mill-ekoinnovazzjonijiet | Fattur ta' korrezzjoni | Marġni ta' żball |
| BAYERISCHE MOTOREN WERKE AG | P1 | 963438 | 1586,85 | 125,035 | 138,886 | -13,851 | 0,267 | 1,000 | 0,000 |
| BMW M GMBH | P1 | 14599 | 1732,90 | 189,521 | 145,561 | 43,960 | 0,040 | 1,000 | 0,000 |
| BEIJING BORGWARD AUTOMOTIVE CO LTD | DMD | 42 | 1843,62 | 218,452 | | | 0,000 | 1,000 | |
| BUGATTI AUTOMOBILES SAS | P14 | 19 | 2070,00 | 516,000 | 160,966 | 355,034 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| CATERHAM CARS LIMITED | DMD | 120 | 621,96 | 138,367 | | | 0,000 | 1,000 | |
| CHEVROLET ITALIA SPA | | 2 | 1324,00 | 96,500 | 126,874 | -30,374 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| FCA US LLC | P3 | 162851 | 1592,89 | 142,728 | 139,162 | 3,566 | 0,007 | 1,000 | 0,000 |
| CNG-TECHNIK GMBH | P4 | 615 | 1608,55 | 118,081 | 139,878 | -21,797 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| AUTOMOBILE DACIA SA | P10 | 381173 | 1168,18 | 118,433 | 119,753 | -1,322 | 0,000 | 1,000 | 0,002 |
| DAIHATSU MOTOR CO LTD | DMD | 5 | 1271,20 | 176,000 | | | 0,000 | 1,000 | |
| DAIMLER AG | P2 | 929187 | 1601,16 | 133,376 | 139,540 | -6,165 | 0,352 | 1,000 | 0,001 |
| FABBRICA DALLARA SRL | DMD | 3 | 1010,00 | 220,667 | | | 0,000 | 1,000 | |
| DFSK MOTOR CO LTD | DMD | 18 | 1543,06 | 211,556 | | | 0,000 | 1,000 | |
| DONKERVOORT AUTOMOBIELEN BV | DMD | 6 | 866,83 | 178,000 | | | 0,000 | 1,000 | |
| DR AUTOMOBILES SRL | DMD | 995 | 1399,45 | 156,198 | | | 0,000 | 1,000 | |
| DR MOTOR COMPANY SRL | DMD | 446 | 1264,39 | 151,471 | | | 0,000 | 1,000 | |

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-manifattur | Konsorzji u derogi | Numru ta' reġistrazzjonijiet | Medja tal-massa | Emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ | Mira ta' emissjonijiet speċifiċi | Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira | Iffrankar tas-$CO_2$ mill-ekoinnovazzjonijiet | Fattur ta' korrezzjoni | Marġni ta' żball |
| FERRARI SPA | D | 2899 | 1714,30 | 281,353 | 289,000 | -7,647 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| FCA ITALY SPA | P3 | 710420 | 1181,29 | 119,853 | 120,352 | -0,499 | 0,003 | 1,000 | 0,000 |
| FORD INDIA PRIVATE LIMITED | P4 | 37257 | 1087,83 | 115,107 | 116,081 | -0,974 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| FORD MOTOR COMPANY OF AUSTRALIA LIMITED | P4 | 1 | 2277,00 | 228,000 | 170,426 | 57,574 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| FORD MOTOR COMPANY | P4 | 25430 | 1604,16 | 164,667 | 139,677 | 24,875 | 0,000 | 1,024 | 0,115 |
| FORD-WERKE GMBH | P4 | 926639 | 1418,92 | 126,733 | 131,212 | -4,496 | 0,014 | 1,035 | 0,017 |
| GENERAL MOTORS HOLDINGS LLC | D | 2728 | 1884,67 | 257,338 | 267,000 | -9,662 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
| GREAT WALL MOTOR COMPANY LIMITED | DMD | 19 | 1655,53 | 197,895 | | | 0,000 | 1,000 | |
| HONDA AUTOMOBILE CHINA CO LTD | P5 | 6 | 1294,83 | 124,333 | 125,541 | -1,208 | 0,000 | 1,000 | 0,000 |
